IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 27.2.2008
SEG(2008) 243

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Dokument li jakkumpanja l-

Proposta għal

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

li tistabbilixxi programm Komunitarju multiannwali għall-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u teknoloġiji ta' komunikazzjoni oħrajn

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

{KUMM(2008) 106 finali}
{SEG(2008) 242}

1. L-Isfond

Il-programm ġdid ippjanat għandu l-għan ġenerali li jippromwovi użu aktar sikur ta' l-Internet u teknoloġiji ta' komunikazzjoni oħrajn (minn hawn 'il quddiem imsejħa "*teknoloġiji fuq l-internet*"), speċjalment mit-tfal.

1.1. Il-pożizzjoni attwali: l-azzjoni mill-Kummissjoni

Fuq il-livell ta' politika, il-Kummissjoni rnexxielha tqiegħed b'mod sod il-kwistjonijiet ta' l-iżvilupp ta' Internet aktar sikur fuq l-aġenda ta' l-UE u l-Istati Membri permezz ta' ħidma ta' politika li nbdiet fl-1996. Din kienet ikkomplementata minn żewġ programmi, il-Pjan ta' Azzjoni għal Internet Aktar Sikur (1999-2004) u l-programm *plus* ta' Internet Aktar Sikur (2005-2008). Il-previżjoni tal-Kummissjoni fl-identifikazzjoni tal-kwistjonijiet relatati mar-riskji għat-tfal fl-ambjent ta' fuq l-internet minn kmieni fl-iżvilupp ta' l-Internet ġiet rikonoxxuta b'mod ġenerali.

Il-bidu ta' *hotlines* nazzjonali u l-iżvilupp ta' punti ta' konġunzjoni għall-għarfien fi kważi l-Istati Membri kollha huma meqjusa bħala wħud mill-kisbiet ewlenin[1]. Skond stħarriġ, il-livell medju ta' għarfien fil-popolazzjoni żdiedet tul is-snin. Il-ġrajjiet l-aktar viżibbli huma l-Jiem annwali ta' Internet Aktar Sikur, li jirreġistraw rati ta' parteċipazzjoni li qed ji żdiedu dejjem aktar.

L-inizjattivi awtoregolatorji li insistiet fuqhom il-Kummissjoni "irnexxew ħafna" u "ppermettew ċaqliq monumentali lejn għarfien fuq firxa wiesgħa fost il-fornituri tas-servizzi"[2].

1.2. L-istat attwali: il-leġiżlazzjoni

Ir-riskji għat-tfal jistgħu jirriżultaw mill-espożizzjoni għall-kontenut u mġiba illegali jew g ħall-kontenut u mġiba legali iżda li jagħmlu l-ħsara. L-UE (u l-Kunsill ta' l-Ewropa) stabbilixxiet standards fl-Ewropa kollha, fejn iċċarat il-kwistjonijiet legali permezz ta' bosta rakkomandazzjonijiet u direttivi dwar il-ħarsien tal-minuri u d-dinjità umana, il-kummerċ elettroniku, il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika u l-istampi ta' abbuż sesswali tat-tfal.

Il-lista ta' miżuri leġiżlattivi tkopri l-qasam tal-protezzjoni tat-tfal fuq l-internet b'mod xieraq. Il-valutazzjoni ta' l-impatt għalhekk **ma teżaminax il-bżonn għal miżuri leġi żlattivi ġodda.** Teżamina modi kif jiġi komplementat u **mhux ripetut** dak li diġà ġie deċi ż permezz ta' strumenti leġiżlattivi. Il-programm ġdid ippjanat huwa orjentat lejn l-azzjoni.

---

[1] Ir-Rapport Finali ta' l-Evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għal Internet Aktar Sikur (2003-2004), IDATE, Mejju 2006, p. 23.

[2] Ir-Rapport Finali ta' l-Evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għal Internet Aktar Sikur (2003-2004), IDATE, Mejju 2006, p. 26.

1.3. Tagħlimiet mittieħda mill-imgħoddi

Il-programmi ta' qabel ġew evalwati bosta drabi minn esperti indipendenti, li fformulaw rakkomandazzjonijiet speċifiċi. Ittieħdu aktar rakkomandazzjonijiet minn tliet servejs tal-Eurobarometer. It-tagħlimiet mittieħda ġew meqjusa meta ġew definiti l-għanijiet t'hawn taħt.

2. Kwistjonijiet proċedurali u l-konsultazzjoni tal-partijiet interessati

Il-Kummissjoni bdiet konsultazzjoni tal-partijiet interessati li kkonsistiet f'konsultazzjoni pubblika fuq l-internet li saret mit-12 ta' April sas-7 ta' Ġunju 2007 u l-Forum għal Internet Aktar Sikur 2007 (Lussemburgu, 20-21 ta' Ġunju 2007).

Il-**konsultazzjoni pubblika fuq l-internet** kienet strutturata madwar tliet suġġetti:

- Il-ġlieda kontra l-kontenut illegali
- Il-ġlieda kontra l-kontenut li jagħmel il-ħsara
- Il-kontenut iġġenerat mill-utenti u l-komunikazzjoni fuq l-internet.

Il-**Forum għal Internet Aktar Sikur** huwa forum Ewropew ta' diskussjoni għar-rappre żentanti ta' l-industrija, għall-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi, għall-organizzazzjonijiet tal-benessri tat-tfal u għal dawk li jfasslu l-politika għall-iskambju ta' esperjenza u għarfien. Il-Forum 2007 ffoka fuq riskji speċifiċi għat-tfal relatati ma' l-użu tat-teknoloġiji fuq l-internet.

Matul il-proċess tal-valutazzjoni ta' l-impatt, id-DĠ ewlieni kien appoġġat minn **Grupp ta' Tmexxija** li kien kompost minn membri ta' dawk id-dipartimenti tal-Kummissjoni li jittrattaw oqsma relatati u kwistjonijiet legali, proċedurali u baġitarji.

3. Id-definizzjoni tal-problema

3.1. L-analiżi tal-problema

L-iżvilupp mgħaġġel ta' l-Internet u teknoloġiji ta' l-informazzjoni oħrajn u tal-komunikazzjoni ta lok għal settur ekonomiku għal kollox ġdid. Għalkemm dan jikkontribwixxi b'mod konsiderevoli għat-tkabbir ekonomiku fl-Ewropa, għandu wkoll lat negattiv li jista' jwassal għal ħsara konsiderevoli għal dawk l-aktar vulnerabbli — it-tfal.

Bħala utenti tat-teknoloġiji fuq l-internet, it-tfal u ż-żgħażagħ jistgħu jitqiesu bħala re ċipjenti, parteċipanti u atturi fl-ambjent ta' fuq l-internet. Bħala **reċipjenti** jistgħu jkunu esposti għal kontenut li jista' jitqies ta' ħsara għalihom, u jista' jikkawża trawma konsiderevoli jew jinkoraġġihom jagħmlu ħsara lilhom infushom jew lill-oħrajn. Bħala **parteċipanti, huma** jikkomunikaw ma' oħrajn fl-ambjent ta' fuq l-internet inklużi dawk li potenzjalment jabbużaw billi jużaw teknoloġiji fuq l-internet immirati lejn it-tfal

(*grooming*). Bħala **atturi,** it-tfal jiġġeneraw il-kontenut b'mod kreattiv, u jistgħu jweġġgħu lill-oħrajn permezz tal-*bullying* u ta' l-abbuż.

It-teknoloġiji l-ġodda jinkludu poter ta' l-ipproċessar u kapaċità tal-ħażna dejjem akbar tal-kompjuters, u l-*broadband* jippermetti d-distribuzzjoni ta' kontenut imżewwaq bħall-vidjow, u l-kapaċità akbar ta' l-aħħar ġenerazzjoni ta' mowbajls "3G". It-tibdiliet fl-ambjent ta' fuq l-internet se jwasslu għal użi ġodda tat-teknoloġiji u riskji ġodda għat-tfal.

It-teknoloġiji, in-netwerks ta' komunikazzjoni, il-midja, il-kontenut, is-servizzi u t-tagħmir se jgħaddu dejjem aktar minn konverġenza diġitali. Dan jippermetti lill-utenti jikkomunikaw bejniethom permezz ta' applikazzjonijiet u jaċċessaw l-Internet minn tagħmir varju; għalhekk it-tfal isiru aktar vulnerabbli minħabba d-disponibilità ta' aktar punti ta' aċċess. Xi tibdiliet kbar fl-użu tat-teknoloġiji fuq l-internet diġà kkawżaw sitwazzjonijiet ta' riskju ġodda u gravi għat-tfal. Is-siti tan-netwerkjar soċjali per eżempju jiġbru bosta funzjonijiet li fl-imgħoddi kellhom jiġu aċċessati separatament. Dawn jintużaw b'mod intensiv mit-tfal, li huma kkonfrontati b'serje ta' sitwazzjonijiet ta' riskju ġodda.

Il-volum u t-tipi ta' kontenut distribwiti qed jikbru. Il-livell ta' użu tat-teknoloġiji fuq l-internet qed jiżdied, speċjalment fost it-tfal. Il-materjal li juri **l-abbuż sesswali tat-tfal** jidher li qed jiżdied u l-mezzi ta' tixrid fuq l-internet jidhru li qed jiġu diversifikati. L-Internet sar wieħed mill-kanali ewlenin tad-distribuzzjoni.

L-għodda tekniċi huma element neċessarju f'politika li titratta ħafna aspetti tas-sikurezza ta' l-Internet. L-industrija hija attur importanti fil-qasam tas-sikurezza tat-tfal fuq l-internet*;* is-sistemi ta' awtoregolamentazzjoni per eżempju huma mod promettenti biex jitnaqqas il-kontenut illegali u l-aċċess għalih.

Element ewlieni ta' kwalunkwe politika f'dan il-qasam għandu inevitabbilment ikun li t-tfal jingħataw id-drittijiet. Il-ħeġġa għall-għarfien u għall-edukazzjoni dwar is-sikurezza ta' l-Internet għandhom ikunu aktar effettivi u aktar sistematiċi fl-UE.

Hemm nuqqas notevoli ta' fatti, figuri u statistiċi komparattivi ta' l-UE. Fejn jeżisti l-għarfien, dan mhuwiex miġbur fuq il-livell ta' l-UE. L-investigazzjonijiet kurrenti fuq il-livell ta' l-Istati Membri mhumiex ikkoordinati fl-UE. Għadd ta' kwistjonijiet għadhom ma ġewx investigati. Il-perspettivi speċifiċi tat-tfal dwar il-mod kif "jgħixu" mat-teknoloġiji fuq l-internet u dwar il-mod kif iħarsu lejn u jittrattaw ir-riskji għandhom jinftiehmu meta jiġu żviluppati strateġiji ta' politika.

3.2. Ir-riskji speċifiċi għat-tfal u għaż-żgħażagħ

Ir-riskji li jistgħu jiltaqgħu magħhom it-tfal meta jidħlu fuq l-internet jew jużaw mowbajls jiddependu fuq it-tip ta' attività li jwettqu. Dawn ir-riskji jinkludu l-espożizzjoni għall-kontenut li jagħmel il-ħsara, l-inċitament għal imġiba mhux xierqa, li tagħmel il-ħsara jew imġiba ta' teħid ta' riskji, l-iżvelar ta' informazzjoni personali, *cyber-bullying*, reklamar u nfiq kbir, riskji ta' sikurezza, evalwazzjoni żbaljata ta' l-għejun ta' l-informazzjoni, *downloading* li jwassal għall-ksur ta' *copyright*, *grooming*, riskji speċifiċi relatati ma' l-u

żu tal-mowbajls, riskji għas-saħħa, il-vizzji u oħrajn. L-aspett l-aktar gravi huwa materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, imxerred u kkummerċalizzat permezz ta' teknoloġiji fuq l-internet.

3.3. Min huwa affettwat? Il-gruppi ta' mira

Il-grupp ta' mira ewlieni tal-programm propost huwa t-tfal u ż-żgħażagħ. Iżda mhux it-tfal biss iridu jiġu indirizzati; dan jinkludi wkoll:

- Il-ġenituri, dawk li jieħdu ħsieb it-tfal, l-għalliema
- L-awtoritajiet ta' l-istat
- L-industrija
- L-organizzazzjonijiet mhux governattivi
- L-universitajiet u l-istituti tar-riċerka.

4. L-objettivi

L-objettiv ġenerali

Il-programm ġdid ippjanat għandu l-**objettiv ġenerali** li jħares aħjar lit-tfal mir-riskji li jistgħu jirriżultaw meta jużaw it-teknoloġiji fuq l-internet. L-inizjattiva ppjanata jkollha **erba' objettivi speċifiċi**:

(1) It-tnaqqis tal-kontenut illegali u l-ġestjoni tal-kontenut li jagħmel il-ħsara fuq l-internet*h*

(2) Il-promozzjoni ta' ambjent aktar sikur fuq l-internet

(3) L-iżgurar ta' l-għarfien pubbliku

(4) L-istabbiliment ta' bażi ta' l-għarfien.

Objettivi operattivi addizzjonali jispeċifikaw serje ta' miri li huma mistennija li jiffa ċilitaw il-ksib ta' dawn l-objettivi ta' hawn fuq.

5. L-għażliet ta' politika strateġika

5.1. Il-formulazzjoni ta' l-għażliet tal-politika

Id-dipartimenti tal-Kummissjoni qiesu erba' għażliet:

- **Għażla 1**: Tibdel xejn – kompli l-attivitajiet f'dan il-qasam kif stabbilit fil-programm *plus* ta' l-Internet Aktar Sikur 2005–2008 mingħajr ebda modifika. Dan huwa **x-**

xenarju ta' bażi.

- **Għażla 2**: Ibdel — aġġusta l-ambitu ta' l-attivitajiet attwali u żid attivitajiet ġodda biex jiġu ttrattati riskji ġodda u tiġi mtejba l-effettività.

- **Għażla 3**: Naqqas ir-ritmu — naqqas l-iskala ta' l-attivitajiet.

- **Għażla 4**: Ieqaf — waqqaf l-attivitajiet għal kollox.

5.2. L-analiżi ta' l-impatt ta' l-għażliet tal-politika

L-għażliet tal-politika ġew evalwati bi tqabbil max-xenarju ta' bażi (Għażla 1) fuq il-bażi ta' dawn il-kriterji li ġejjin:

- L-impatti soċjali

- L-impatti ekonomiċi

- L-ispejjeż għall-amministrazzjoni pubblika

- Il-livell ta' koerenza ma' l-għanijiet tal-politika

- Valur miżjud u osservanza tal-prinċipju tas-sussidjarjetà

- Il-possibbiltà finanzjarja.

5.2.1. Għażla 1: Tibdel xejn

Din l-għażla (ix-xenarju ta' bażi) għandha l-għan li tiżgura l-kontinwità ta' l-*acquis* miksub bil-programmi ta' qabel.

L-għażla 1 hija vijabbli u tiġġenera għadd konsiderevoli ta' impatti, speċjalment ta' natura soċjali għaliex tkun strument attwali importanti biex jintaqqsu r-riskji għat-tfal fuq l-internet. Madankollu, turi wkoll nuqqasijiet meta jiġu ttrattati l-użi u l-imġibiet li qed jinbidlu u jiżviluppaw. Fuq livell operattiv il-kontrastrateġiji kontra dawn ir-riskji jinħtieġu li jiġu żviluppati u implimentati. L-għażla 1 ma tkoprix dan b'mod suffiċjenti.

5.2.2. Għażla 2: Aġġusta l-ambitu

Din l-għażla tfisser żviluppar ulterjuri ta' strateġija koerenti għall-ġlieda kontra l-effetti ta' ħsara tat-teknoloġiji fuq l-internet fuq il-livell ta' l-UE. Tikkonsisti f'żewġ linji bażiċi: jitkomplew l-attivitajiet żviluppati skond il-programmi ta' qabel u jittejbu strateġiji ġodda kontra żviluppi futuri, inklużi azzjonijiet fi stadju bikri u preventivi.

Meta mqabbla max-xenarju ta' bażi, l-Għażla 2 tikkumbatti l-effetti ta' ħsara tat-teknoloġiji fuq l-internet b'mod aktar effettiv għaliex tkun tista' tadatta aħjar il-miżuri għall-panorama li qed jinbidel, u b'hekk l-isfida mhijiex statika iżda dinamika. Sabiex tkun tassew effettiva, il-politika tal-futur għandha tiżgura l-kontinwità ta' l-istrutturi u l-

azzjonijiet li rnexxielhom jinbnew u fl-istess ħin jinħolqu kontrastrateġiji ġodda li jirrispondu għall-fenomeni u x-xenarji ta' riskju li qed jiżviluppaw. L-istrateġiji l-ġodda li mhumiex inklużi fix-xenarju ta' bażi huma meħtieġa.

Il-konsultazzjoni pubblika enfasizzat li għadd kbir ta' kwistjonijiet marbutin mat-tendenzi li qed jinbidlu ta' teknoloġiji fuq l-internet għadhom ma jinftehmux sew. Bażi akbar ta' g ħarfien hija meħtieġa biex jiġu żviluppati kontrastrateġiji effiċjenti. L-għażla 2 tittratta din il-ħtieġa.

5.2.3. Għażla 3: Naqqas ir-ritmu

Din l-għażla tfisser li sett ewlieni ta' attivitajiet li ġew żviluppati fl-imgħoddi u li kienu ppruvati li rnexxew, jinżammu. Iżda, l-iskala ta' attivitajiet titnaqqas u l-baġit bażiku jitnaqqas b'40%. Ma jittieħdu l-ebda inizjattivi ġodda.

L-għażla 3 hija finanzjarjament possibbli u tiġġenera impatti fuq livell operattiv bi probabilità għolja. Tgħin biex jitnaqqsu r-riskji għat-tfal fuq l-internet billi tippermetti mekkaniżmi fejn il-pubbliku jista' jirrapporta l-kontenut illegali fuq l-internet, u li jżidu l-g ħarfien. Madanakollu, l-Għażla 3 hija biss soluzzjoni minimali. La twassal għal azzjonijiet ulterjuri u lanqas ma tlaħħaq ma' sfidi ġodda. Pożittivament, jista' jkun mistenni fuq tul ta' żmien li l-aċċess għall-kontenut illegali jkun aktar ristrett għaliex ikun hemm tendenza li din il-kwistjoni tiġi kkontrollata aħjar, iżda negattivament jista' jiġi antiċipat li d-distribuzzjoni tal-kontenut illegali isseħħ dejjem aktar permezz ta' rotot oħrajn (komunikazzjoni *peer-to-peer*, mowbajls 3G, eċċ). Dan jeħtieġ azzjonijiet li l-Għażla 3 ma tistax twettaq.

5.2.4. Għażla 4: Ieqaf

Il-waqfien ta' l-attivitajiet ta' finanzjament fil-qasam ta' l-użu aktar sikur tat-teknoloġiji fuq l-internet ifisser li ma tittieħed l-ebda azzjoni ġenerali orizzontali f'dan il-qasam mill-Kummissjoni u ma ssir l-ebda politika pro-attiva f'dan il-qasam fuq il-livell ta' l-UE. Din l-għażla ma tidhirx li hija vijabbli; metodu passiv x'aktarx jirriżulta f'impatti negattivi fuq id-dimensjoni tar-risjki li jikkonfrontaw lit-tfal meta jużaw it-teknoloġiji fuq l-internet. Kwalunkwe żvantaġġ fl-ittrattar ta' dawn ir-riskji jwassal għal sitwazzjoni fejn il-bieb jibqa' miftuħ għall-attivitajiet ta' ħsara u li huma illegali. L-impatt potenzjali fuq tul ta' żmien ikun għoli ħafna.

Biex jinżamm il-livell ta' għarfien pubbliku dwar is-sikurezza fuq l-internet għat-tfal, li ttejjeb bil-programm ta' qabel, ikunu meħtieġa sforzi kontinwi. Inkella, il-momentum mil ħuq jintilef u jitqegħdu fil-periklu l-isforzi ta' qabel.

6. Paragun ta' l-għażliet ta' politika strateġika

L-għażliet ta' politika ġenerali huma mqabbla fuq il-bażi ta' erba' kriterji ta' impatt soċjali u kriterji ta' impatt ekonomiku. Il-kombinazzjoni ta' dawn il-kriterji tippermetti l-identifikazzjoni ta' l-għażla li tagħti l-aħjar proporzjon bejn l-impatti soċjali u l-effetti ekonomiċi. Kull kriterju taħt kull għażla jingħata l-punti.

Ir-riżultat ta' l-evalwazzjoni huwa kif ġej:

Il-livell ta' impatt po żittiv	**Ir-riżultat miksub**[3]	**L-għażla**
L-ogħla impatt	29	Għażla 2 Aġġusta l-ambitu
	24 (bażi)	Għażla 1 Tibdel xejn
	21	Għażla 3 Naqqas ir-ritmu
L-impatt l-aktar baxx	16	Għażla 4 Ieqaf

B'riżultat ta' l-analiżi, ingħatat **preferenza** lill-**Għażla 2,** li hija l-istrateġija li tirrispondi l-aħjar għall-għanijiet iddefiniti fil-valutazzjoni ta' l-impatt u fl-istess ħin turi l-**aħjar proporzjon bejn l-impatti soċjali u l-aspetti ekonomiċi**.

Huwa ċar li l-konsultazzjoni pubblika tappoġġa r-riżultat għaliex il-partijiet interessati kienu kważi unanimi fis-sejħa tagħhom biex jinżammu l-azzjonijiet u jiġu rrinforzati **u** biex jiġu fformolati azzjonijiet ġodda. Dawk li wieġbu għamlu punt ċar dwar il-bżonnijiet ġodda li jridu jiġu indirizzati fil-programm futur. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom fil-parti l-kbira jittrattaw riskji futuri ġodda għat-tfal u azzjonijiet korrispondenti. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jiġu indirizzati tajjeb mill-Għażla 2.

7. Proposta għal programm ġdid

L-għażla finali, l-Għażla 2, tikkonsisti fi strateġija koerenti mibnija fuq il-prinċipji tal-kontinwità (saħħaħ il-kisbiet ta' l-inizjattivi ta' qabel filwaqt li qis it-tagħlimiet mittieħda) u t-titjib (aħseb għal theddid ġdid, ifhem aħjar l-evoluzzjoni ta' mġiba eżistenti, żgura u żid il-valur miżjud Ewropew, wessa' l-kopertura internazzjonali).

7.1. Il-valur miżjud Ewropew u l-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-Komunità se tistimola l-aħjar prattika fl-Istati Membri billi tipprovdi gwida u tagħti appoġġ għal valutazzjoni komparattiva fuq livell Ewropew, netwerkjar u żieda mal-bażi ta' għarfien. L-attivitajiet nazzjonali jikkontribwixxu għal "effett imkattar" bl-għan tad-distribuzzjoni ta' l-aħjar prattika. L-użu mill-ġdid ta' l-għodod ittestjati, ta' metodi, ta' strateġiji u ta' teknoloġiji jew l-aċċess għal dejta aġġornata fuq livell Ewropew ittejjeb l-effiċjenza ta' l-ispiża u l-effikaċja ta' l-atturi fuq il-livell ta' l-Istati Membri.

Il-programm jimmira li jisfrutta s-sinerġija bl-attivitajiet nazzjonali permezz ta' netwerkjar u inizjattivi ta' l-UE. L-attivitajiet proposti jibnu parzjalment fuq ir-riżultati miksuba fl-azzjonijiet ta' qabel u jikkumplimentaw l-azzjonijiet mibdija taħt programmi u attivitajiet o ħrajn ta' l-UE (l-aktar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità, Iż-Żgħażagħ fl-

[3] It-tabella tal-punti tvarja bejn 0 punti u 48 punt.

Azzjoni, Daphne III) biex tiġi evitata r-ripetizzjoni u jiġi sfruttat l-impatt.

7.2. L-istruttura tal-programm il-ġdid

Il-politika konkreta jkollha l-għan ġenerali li tippromwovi użu aktar sikur tat-teknoloġiji fuq l-internet, speċjalment mit-tfal, u tista' tinqasam f'erba' azzjonijiet ewlenin, li g ħandhom dawn l-objettivi ġenerali definiti hawn fuq:

- Azzjoni 1: It-tnaqqis tal-kontenut illegali u l-ġestjoni ta' l-imġiba ta' ħsara fuq l-internet
- Azzjoni 2: Il-promozzjoni ta' ambjent aktar sikur fuq l-internet
- Azzjoni 3: L-iżgurar ta' l-għarfien pubbliku
- Azzjoni 4: L-istabbiliment ta' bażi ta' għarfien

8. L-effettività ta' l-ispiża

Il-ġustifikazzjoni ta' l-ispiża ta' l-azzjoni proposta

Minn perspettiva finanzjarja, il-programm ippjanat jibqa' pjuttost modest. Il-baġit totali ppjanat ta' 55 miljun euro huwa daqs baġit annwali ta' 11-il miljun euro.

L-effettività ta' l-ispiża tal-mekkaniżmu tal-finanzjament

Il-programm se jiġi implimentat permezz ta' azzjonijiet indiretti — sejħiet għalproposti u sejħiet għall-offerti kif xieraq – u jinkludi attivitajiet internazzjonali. L-analiżi wriet li ma jistgħux jinkisbu l-istess riżultati bi spejjeż aktar baxxi.

9. Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni

L-implimentazzjoni tal-programm, inkluż il-monitoraġġ, se tkun ir-responsabilità ta' l-istaff tal-Kummissjoni. Il-monitoraġġ tal-programm jibqa' għaddej u jinkludi żewġ evalwazzjonijiet tal-programm minn kuntratturi esterni u informazzjoni miksuba direttament mill-benefiċjarji, li jressqu rapporti f'intervalli regolari, u jirrispettaw il-kriterji ta' l-indikaturi ta' l-operat.